# 62. Il-Għasfur fil-Gaġġa

Ħadulu l-arja friska ta' ġol-ajru,
tal-għalqa ż-żrieragħ, l-ilma ta' ġol-wied,
il-ħelsien hieni ta' ġwenħajn jittajru,
għalquh ġo gaġġa ċkejkna m'usa pied.

Ħadulu 'l martu ħelwa daqs ċirasa,
u l-bejta taħt il-blat, sħuna, kennija;
għamlulu qalbu xegħda mingħajr għasel
għalquh ġo gaġġa kiesħa f'gallerija.

Minn daqshekk ġid u ferħ. ħelsien u mħabba,
ħallewlu l-għanja, jgħanni kemm irid;
il-għasfur jgħolli fommu lejn is-sema,
u jgħanni waħdu l-għanja tat-tiċħid!